

Brussell, 13 ta' Mejju 2025  
(OR. en)

7385/25

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2018/0198 (COD)

---

CODEC 322  
COH 23  
CADREFIN 22  
PE 14

#### NOTA TA' INFORMAZZJONI

|          |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                 |
|----------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                                |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                   |
| Suġġett: | <b>ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI WARA T-TIENI QARI TAL-PARLAMENT EWROPEW</b> Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar mekkaniżmu biex jiġu solvuti ostakli legali u amministrattivi f'kuntest transkonfinali - Eżitu tat-tieni qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mill-5 sat-8 ta' Mejju 2025) |

#### I. VOT

Fis-6 ta' Mejju 2025, il-President tal-Parlament Ewropew iddikjara li l-pożizzjoni tal-Kunsill<sup>1</sup> fl-ewwel qari ġiet approvata mingħajr emendi.

It-test tar-risoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew huwa anness ma' din in-nota.

---

<sup>1</sup> 17102/1/24 REV 1.

## **II. ADOZZJONI TA' ATTI LEĠIŻLATTIVI WARA T-TIENI QARI TAL-PARLAMENT EWROPEW**

Billi l-Parlament Ewropew approva l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari mingħajr emendi, l-att ikkonċernat jitqies li ġie adottat fil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, kif previst fl-Artikolu 294(7)(a) tat-TFUE.

Wara l-iffirmar mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ Istituzzjonijiet, l-att ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

**Strument għall-Iżvilupp u t-Tkabbir tar-Reġjuni tal-Fruntiera (BRIDGEforEU)**

**Risoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Mejju 2025 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għall-adozzjoni tar-regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar strument għall-iżvilupp u t-tkabbir tar-Reġjuni tal-Fruntiera (BRIDGEforEU) (17102/1/2024 – C10-0057/2025 – 2018/0198(COD))**

**(Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tieni qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (17102/1/2024 – C10-0057/2025),
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-19 ta' Settembru 2018<sup>1</sup> u tal-24 ta' April 2024<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-5 ta' Diċembru 2018<sup>3</sup> u tas-17 ta' April 2024<sup>4</sup>,
  - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari<sup>5</sup> dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2018)0373– 2018/0198(COD)),
  - wara li kkunsidra l-proposta emendata tal-Kummissjoni (COM(2023)0790),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 75(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 68 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A10-0058/2025),
1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;
  2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat f'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;

---

<sup>1</sup> ĠU C 440, 6.12.2018, p. 124.

<sup>2</sup> ĠU C, 2024/4060, 12.7.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/4060/oj>.

<sup>3</sup> ĠU C 86, 7.3.2019, p. 165.

<sup>4</sup> ĠU C, 2023/1326, 22.12.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2023/1326/oj>.

<sup>5</sup> Testi adottati tal-14.2.2019, P8\_TA(2019)0118.

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri kollha ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.